HAL BALZAN

IT-TMIEN SENA Nru. 46 — MARZU/APRIL 1979

EDITORJAL

L-IMGIEBA TA' BEJNIETNA

X'inhu dak li jifforma r-raħal? Ħafna forsi jaħsbu li huma d-djar u t-toroq. Iżda mingħajr in-nies tar-raħal dawn l-affarijiet ma jfissru xejn jew ifissru ftit. Mhux biss huma n-nies li jagħmlu r-raħal, iżda huma n-nies ukoll li jagħtu isem tajjeb jew ħażin lir-raħal li jkunu joqogħdu fih, bħalma miċ-ċittadini l-pajjiż jieħu r-reputazzjoni tiegħu.

Għalkemm ngħixu f'pajjiż żgħir bħal tagħna, u f'irħula u bliet żgħar viċin xulxin, hemm dak li jiddistingwina, xi ftit jew wisq, f'dak li huwa djalett, drawwiet u, fuq kollox, imġiba ma' xulxin u maċ-ċittadini l-oħrajn u mal-barranin. Il-bniedem jintgħaraf u jieħu l-fama minn għemilu, bħalma s-siġra tintgħaraf mill-frott tagħha.

Ir-raħal tagħna nistgħu ngħidu li jgawdi fama tajba, bħal ħafna rħula żgħar oħrajn. Il-Balzanin huma magħrufin bħala nies kwieti, beżlin u ta' l-affari tagħhom. Hija ħaġa rari ferm li tisma' b'xi nkwiet serju fir-raħal, u anki fost iż-żgħażagħ, u dan hu sinjal tajjeb. Dan ma jfissirx li m'għandniex id-difetti tagħna, forsi aktarx difetti li huma komuni għalina bħala poplu, iżda din lanqas hi skuża biex aħna ma ntejbux l-imġiba ta' bejnietna.

Aħna l-Maltin għandna l-fama li aħna nies li nagħmlu l-karità, nilqgħu l-barranin, ngħidu fuq xulxin u nilħqu salib xulxin. Kull Malti u Balzani jafu dan, u aħna niddefendu ruħna billi, meta nkunu f'xi konverżazzjoni, ngħidu: "Jiena mhux affari tiegħi x'jagħmel dak u l-ieħor, iżda x'nagħmel jien". Kliem sabiħ ħafna kieku, iżda bejn il-kliem u l-fatti hemm il-baħar jikkumbatti, u spiss forsi naqgħu f'dawk l-iżbalji li tant inħobbu nikkundannaw fl-oħrajn, b'mod speċjali meta nkunu aħna li nqasna.

Wara kollox, kif għandna nħarsu lejna nfusna? Ċertament m'għandniex nillimitaw lilna nfusna fir-raħal, u aktarx li ħadd minna ma jagħmel hekk. Barra li aħna Balzanin, aħna l-ewwelnett bnedmin, ċittadini Maltin u parti mill-umanità. Fl-istess ħin, aħna nsara, segwaċi ta' Ġesù Kristu, li ġie biex jippriedka l-imħabba u t-tolleranza ta' bejnietna.

Dan ifisser li għandna nżommu l-ewwelnett id-dinjità ta' bnedmin insara, u jekk inkunu tajbin bħala hekk, inkunu tajbin bħala ċittadini u bħala Balzanin, u bejnietna nifformaw komunità ta' aħwa li jinħabbu u jfittxu li jħobbu u jkunu ta' servizz lil xulxin u lill-barranin mir-raħal, kif ukoll lit-turisti li tant qed jiżdiedu u li sikwit iżuru r-raħal sabiħ tagħna.

Jekk aħna l-kbar intejbu l-imġiba ta' bejnietna, billi nużaw ukoll aktar ħlewwa u edukazzjoni, uliedna l-Balzanin ta' għada jiddakkru minna, anzi hemm iċ-ċans li jkunu aħjar minna. L-ewwel skola hija l-familja u l-ġenituri; bl-imġiba tagħhom bejniethom jedukaw lil uliedhom. Jekk it-tfal jitrabbew f'familja fejn jinqala' l-inkwiet sikwit u ħadd m'hu kapaċi jissaporti d-difetti ta' ħadd jew il-gosti ta' ħaddieħor, it-tfal, barra li jħossuhom imdejqin mal-ġenituri, ikunu qed jiffurmaw fihom karattru li ftit jaf b'imħabba, paċenzja u tolleranza lejn ħaddieħor.

Biex inkunu prattiċi, x'mezzi hemm biex intejbu l-imġiba ta' bejnietna? L-edukazzjoni li nieħdu hi importanti u tgħinna b'mod mhux biss istruttiv iżda wkoll formattiv. Però jeħtieġ li nfittxu mezzi, kull wieħed u waħda minna skond il-gosti u t-tendenzi tiegħu jew tagħha, li jissudawna billi jkomplu jiffurmawlna l-karattru. L-isports, l-oqsma differenti ta' l-arti, l-ivvjaġġar, u importanti ferm, il-qari ta' kotba serji, li jistgħu jgħinuna ferm nifhmu aktar lilna nfusna u lill-oħrajn u ngħixu f'saħħitna fiżikament, mentalment, u moralment.

Nerġgħu ngħidu, ir-raħal tagħna ma jgawdix fama ħażina, u għandha tkun waħda mill-ambizzjonijiet ta' ħajjitna li ntejbu, kulħadd skond it-talenti u l-kapaċità tiegħu, il-qagħda tar-raħal u b'hekk tal-pajjiż u ta' l-umanità. B'hekk kull wieħed minna jista' jħalli d-dinja aħjar milli sabha.

ARTIKLU DWAR

HAL BALZAN

FIR-RIVISTA "HERITAGE"

F'Diċembru 1978 deher, fil-"Heritage" Nru. 17, artiklu taħt l-isem BALZAN, miktub bl-Ingliż minn Balzani bħalna, is-Sur Carmel Bezzina B.A., membru ħabrieki tal-Bord Editorjali, li, naċċertakom, mingħajr l-entużjażmu fejjiedi tiegħu, 'Ħal Balzan', il-gazzetta tagħna, ma kenitx tilħaq il-livell li laħqet.

Ta' min ineħħi l-kappell lis-Sur Bezzina, li fi ftit paġni, sewwa sew minn paġna 333 sal-paġna 337, irnexxielu jagħti dehra ta' x'kien u x'inhu bħalissa Ħal Balzan. Ir-ritratti li jagħnu lil dan l-artiklu huma addattati ferm. Ħal Balzan mill-ajru jsaħħrek — tiddomina f'nofs ir-ritratt il-knisja ddedikata lil-Lunzjata fejn kull Balzani għandu biċċa minn qalbu. Tolqot il-għajn il-mappa ta' Malta li dlonk tħaddan 'il Ħal Balzan u tagħtih postu kważi fiċ-ċentru tagħha. Sbieħ il-gallarija tal-ġebel, xogħol fin u ddettaljat tas-seklu sittax, in-niċċa ta' San Franġisk fi Sqaq id-Dingejru (illum Triq il-Barrieri), dħul Triq Idmejda (dari Sqaq Dmejda), u l-faċċata tal-knisja kif kienet tintrama fil-bidu ta' dan is-seklu.

Bi stil ħlejju, ħieles mill-ktajjen ta' kliem tqil u kbir, l-awtur ta' l-artiklu jagħti l-oriġini u t-topografija ta' Ħal Balzan, u mbagħad donnu jitnieħed daqsxejn x'ħin igħid li fost l-irziezet fejn twieled Ħal Balzan ma fadalx għajr wieħed f'tarf ir-raħal, iżda jintefaħ ftit meta jgħidilna li, mal-medda tas-snin, Ħal Balzan beda jħajjar nies kbar u għonja sabiex jagħmlu dan il-post kwiet u kenni bħala l-għamara tagħhom. Isemmi mbagħad kif ir-raħal tagħna laqa' b'idejh miftuħa r-rifuġjati ta' l-aħħar gwerra.

Laqatni kif is-Sur Bezzina rnexxielu, f'żewġ paragrafi, isemmi l-ħajja soċjali tan-nies ta' Ħal Balzan: l-għaqdiet reliġjużi, il-każini, il-festa, il-banda, is-Sala Awrora, il-football, u x-xogħol siewi li qed jagħmlu s-Sorijiet tal-Bon Pastur kif ukoll is-Sorijiet il-Bojod.

L-artiklu tas-Sur Carmel Bezzina huwa kollu ħajja! Jixhduh iż-żjieda jew it-tnaqqis fl-għadd ta' popolazzjoni matul is-snin li Ħal Balzan ilu wieqaf. Naqraw kif l-awtur, bl-għaqal kollu, qisu bil-merkurju f'idejh, jagħti dawn il-figuri:

300 ruħ f'Ħal Balzan fl-1575; 530 ruħ fl-1655, meta Ħal Balzan twaqqaf Parroċċa; iżda 491 ruħ fl-1760; imma 1070 ruħ fl-1890; u 3500 jew aktar bħal issa.

Prosit tassew, Sur Bezzina, ta' l-artiklu studjat u informattiv li rregalajtilna fil-'Heritage', Numru 17, li ħareġ f'Diċembru li għadda.

ANTHONY FENECH.



Dehra pittoreska ta' Triq Idmejda min-naħa ta' Sant'Anton — wieħed mir-ritratti li dehru ma' l-artiklu dwar Ħal Balzan fir-rivista "Heritage".

* *"Heritage" hija rivista ta' kultura Maltija, li tiġi ppubblikata kull xahar bl-Ingliż mid-dar tal-publikazzjoni "Midsea Books Ltd." ta' 3A, Triq id-Dejqa, il-Belt. Kull sbatax-il għadd ta' din ir-rivista jingabru f'volum, li mbagħad flimkien jiffurmaw enċiklopedija.*

HARGA SPECJALI TAL-FESTA

Ngħarrfu lill-Balzanin u lill-qarrejja kollha li l-ħarġa li jmiss ta' Mejju/Ġunju se tkun ĦARĠA SPEĊJALI fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Annunzjata. Bħas-snin l-imgħoddija, din il-ħarġa se tkun b'aktar paġni, u se jkun fiha wkoll suppliment ta' erba' paġni bl-Ingliż.

Kull min jixtieq jibgħat xi kitba għall-pubblikazzjoni, sew bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, għandu jibgħatha mhux aktar tard mill-aħħar ta' Mejju, fl-indirizz editorjali, jew inkella lil xi membru tal-Bord Editorjali.

'ĦAL BALZAN'

Toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — 'ĦAL BALZAN'

c/o Każin tal-Banda
"San Gabriel"
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

X'ĠARA FOSTNA

JANNAR 1979

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Jannar, fil-quddiesa ta' fil-għaxija ġew offerti l-oġġetti ta' ħwejjeġ u ikel li n-nies ta' Ħal Balzan għoġobhom joffru fiż-żmien sabiħ tal-Milied lit-tfal fil-bżonn. Din is-sena, dawn l-oġġetti marru għat-tfal tal-Creche ta' l-Orsolini ta' Tas-Sliema.

Tul dan ix-xahar, issoktaw l-attivitajiet tas-soltu organizzati mill-każini u l-għaqdiet tal-parroċċa, fosthom laqgħat ta' tagħlim, filmstrips, tombli, u okkażjonijiet soċjali oħra. Nhar il-Ħadd, 21 mix-xahar, fis-Sala Parrokkjali sar programm teatrali mill-kumpannija tal-parroċċa "Balzan Stage Amateurs".

Il-Ħadd, 28 ta' Jannar, ixxandret minn fuq Cable Radio quddiesa mill-Parroċċa tagħna. Qaddes il-Kappillan, il-Kan. Karm Sciberras.

FRAR 1979

Il-festa tal-Kandlora ġiet iċċelebrata, bħal kull sena, fit-2 ta' Frar. Fil-quddiesa ta' fil-għaxija, il-Kappillan bierek ix-xema', li mbagħad tqassam lin-nies tal-parroċċa. Din is-sena, kulħadd ġie mitlub joffri xi ħaġa żgħira ta' l-ikel jew flus sabiex jitqassmu lill-istituti. Dawn l-offerti ġew ippreżentati lil Mons. Arċisqof mill-Kappillani waqt il-quddiesa konċelebrata tal-Kandlora, li saret fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar.

Nhar is-Sibt, 10 ta' Frar, kienet il-festa tan-Nawfraġju ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Għalkemm dan il-jum ma għadux vaganza pubblika, xorta għadu jum kmandat; għalhekk, għal aktar kumdità fis-smigħ tal-quddies, fil-parroċċa tagħna saret quddiesa barranija fis-7.30 p.m. Tul ix-xahar ta' Frar, saru, bħas-snin l-imgħoddija, it-tifkiriet tad-dehriet tal-Madonna f'Lourdes.

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Frar, l-Azzjoni Kattolika tal-parroċċa organizzat ħarġa għax-xjuħ bil-karozza. Telqu fis-2.30 p.m. minn ħdejn il-knisja; kellhom quddiesa, imbagħad tè u laqgħa soċjali. Programm teatrali ieħor mill-kumpanija tal-parroċċa sar nhar il-Ħadd, 25 ta' Frar.

L-Erbgħa tar-Rmied, jew, kif nafuh aħjar, Ras ir-Randan, din is-sena ħabat nhar l-Erbgħa, 28 ta' Frar. Fil-waqt li t-tberik u t-tqegħid ta' l-irmied sar fil-quddies kollu, il-funzjoni solenni saret fil-quddiesa ta' fil-għaxija.

MARZU 1979

Tul dan ix-xahar, saru l-korsijiet ta' l-eżerċizzi tar-Randan. L-eżerċizzi għaż-żgħażagħ saru minn Patri Martin Schembri; dawk għan-nisa minn Mons. Ġerard Frendo; fil-waqt li dawk għall-irġiel saru minn Dun Anton Sciberras. Sar ukoll kors ta' eżerċizzi għal kulħadd minn Patri Alessandru Pace, Tereżjan. Żewġ ċelebrazzjonijiet penitenzjali tar-Randan, kif mitluba minn Mons. Arċisqof fil-Pastorali tar-Randan, saru fil-parroċċa nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Marzu, u nhar il-Erbgħa, 4 t'April.

Nhar is-Sibt, 17 mix-xahar, iż-żgħażagħ tal-Youth Centre ta' Ħal Balzan tellgħu programm reliġjuż għal żmien ir-Randan fis-Sala Parrokkjali. Kien jiġbor fih dramm f'żewġ atti dwar il-Beatu Massimiljanu Kolbe, u siltiet mill-Passjoni. L-attendenza kienet numeruża, u apprezzat ħafna t-talent ta' dawn iż-żgħażagħ Balzanin.

Il-ġabra għas-Seminarju, li saret fil-parroċċa tagħna nhar il-Ħadd, 11 ta' Marzu, laħqet is-somma sabiħa ta' £M216.31,0.

Il-festa liturġika ta' Marija Annunzjata, Patruna ta' Ħal Balzan, din is-sena saret nhar is-Sibt, 24 ta' Marzu. Fis-7.15 a.m. saret il-quddiesa kantata, fil-waqt li fit-8.00 a.m. saret il-quddiesa tas-soltu fil-knisja tal-Lunzjata l-qadima. Fil-5.30 p.m. tkanta l-għasar, rużarju u ċelebrazzjoni ewkaristika, imbagħad quddiesa letta bil-kant. L-għada, il-Ħadd 25 mix-xahar, il-Banda 'San Gabriel' għamlet programm fuq iz-zuntier tal-knisja.

Il-Ħadd ukoll, 25 ta' Marzu, fil-misraħ tħawlu xi siġar mill-Onor. Ministru ta' l-Edukazzjoni, Dr Philip Muscat, bħala parti mill-festi tal-31 ta' Marzu.

Nifirħu lis-Sur Joe Aquilina, li rebaħ l-Ewwel Premju fil-Konkors tal-Marċi tal-Festi tal-31 ta' Marzu. Intervista mas-Sur Aquilina tidher fil-ħarġa li jmiss.

IL-KNISJA PARROKKJALI (34)

SAN MIKIEL

Din id-darba jmiss li niktbu dwar l-artal ta' San Mikiel Arkanġlu, l-għaxar u l-aħħar artal tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan.

L-ewwel darba li tkellimna dwar id-devozzjoni tan-nies ta' Ħal Balzan lejn l-Arkanġlu San Mikiel kien meta ktibna dwar il-knisja żgħira li kien hawn fir-raħal iddedikata lil dan il-qaddis, li kienet inbniet minn Mikiel Zarb fis-seklu XIV. Nafu wkoll li wara li din il-knisja kienet ġiet iddikjarata ipprofanata fl-1658, il-piżijiet u l-kwadru ta' l-injam, bix-xbiha ta' San Mikiel, kienu ġew ittrasferiti fil-knisja l-qadima tal-Annunzjata.(1)

Insibu li sas-sena 1679, il-kwadru ta' San Mikiel kien għadu fil-knisja tal-Annunzjata l-qadima. Nafu li quddiem din ix-xbiha kien jinxtegħel il-lampier kull nhar ta' Sibt u li l-festa ta' San Mikiel, li taħbat nhar id-29 ta' Settembru, kienet baqgħet tiġi ċċelebrata bħalma kienet tiġi ċċelebrata meta kien hemm il-knisja ddedikata lil dan il-qaddis.(2)

FIL-KNISJA PARROKKJALI L-ĠDIDA

Kellha tkun il-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Gaspru Gori Mancini, li għamel lill-Knisja Parrokkjali nhar is-16 ta' Mejju 1723, biex ikollna l-ewwel ħjiel ta' tagħrif dwar l-artal iddedikat lil San Mikiel. Fir-relazzjoni tal-Viżta naqraw: "Dan l-artal iddedikat lil San Mikiel Arkanġlu għadu kemm tlesta, wara li l-Ordinarju kien ta l-permess li jsir, u sar bil-kontribuzzjonijiet tan-nies. Dan qiegħed fuq in-naħa tal-lemin ta' l-artal maġġur. Il-kwadru ta' dan l-artal ġie trasferit mill-Knisja Parrokkjali l-qadima u hu l-istess wieħed li kien hemm darba fil-knisja ta' San Mikiel li kienet ġiet ipprofanata."(3)

IL-PROSPETTIVA TA' L-ARTAL

Mill-istess Viżta Pastorali fuq imsemmija, ta' l-Isqof Mancini, sirna nafu kif kienet l-ewwel prospettiva ta' dan l-artal. Naqraw li madwar il-kwadru ta' San Mikiel: "Kien hemm ukoll tliet kwadri ovali. In-naħa ta' fuq tal-kwadru ta' San Mikiel, hemm il-kwadru li jirrappreżenta l-Adorazzjoni tas-Slaten Maġi. In-naħa tal-lemin hemm il-kwadru bix-xbiha ta' Marija Immakulata u n-naħa tax-xellug hemm il-kwadru bix-xbiha ta' San Bartilmew Appostlu."(4)


SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

IL-PROSPETTIVA LLUM

Il-prospettiva ta' dan l-artal fuq imsemmija, bil-kwadru antik ta' San Mikiel, imdawwar minn dawk it-tliet kwadri ovali, ingastati ġewwa kompless ta' skultura mill-isbaħ, kif jixhdu l-ritratti, li wieħed minnhom kien ġie ppubblikat fil-ħarġa ta' **ĦAL BALZAN** Nru. 22, kienet turi l-ġmiel ta' l-iskultura taż-żminijiet l-imgħoddija li kienet tant għal qalb missirijietna.

Iżda fl-aħħar tas-seklu li għadda, f'Malta bdiet taħkem manija biex jillixxaw il-ħitan tal-knejjes u jneħħu għalhekk l-elementi ta' skultura dekorattiva mill-prospettivi ta' l-artali.(5)

Dan li għedna, barra milli kien laqat lill-artali tal-Kurċifiss u tar-Ružarju, misset ix-xorti ħażina wkoll lill-artal ta' San Mikiel. Meta tneħħiet l-iskultura dekorattiva minn dan l-artal, it-tliet kwadri ovali ġew imneħħija u llum insibuhom fis-sagristija l-qadima.



L-Artal ta' San Mikiel, armat għall-festa titulari.

Il-prospettiva tal-lum saret għall-ħabta tas-sena 1912, u nafu li ż-żewġ kolonni li hemm illum inħadmu minn Rokku Dingli minn din il-parroċċa. Il-kwadru ta' San Mikiel li naraw illum hu bħal dak li naraw fi knejjes oħra, kopja ta' l-oriġinali tal-pittur famuż Guido Reni. In-naħa ta' fuq tal-prospettiva, naraw kwadru żgħir tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Marija u kitba bil-Latin li tgħid:

•għal paġna 3

COMBINED INDUSTRIES LIMITED

JOSEPH LICARI — TOBACCO DIVISION
Telephone: 24301

ARS VITREA — GLASS AND MIRRORS DIVISION
Telephone: 40323

UTILITY WOODWORKS — FURNITURE AND JOINERY DIVISION
Telephone: 42027

ALUMINIUM LIMITED
Telephone: 42027

100, ST. ANTHONY STREET, LIJA, MALTA

Cable Address: Jolica, Malta.

SAN MIKIEL

minn paġna 2

"San Mikiel Arkanġlu, ejja għin lill-poplu ta' Alla." Taħt il-kwadru hemm l-urna indurata bil-korp sant ta' San Valentinu Martri.

L-ARTAL

Wara l-Viżta Pastorali li saret fl-1723, u li fiha sibna l-ewwel tagħrif dwar l-artal ta' San Mikiel, saret il-Viżta ta' l-Isqof Alpheran nhar is-6 ta' Diċembru 1729. Fir-relazzjoni ta' din il-Viżta, insibu kważi l-istess deskrizzjoni bħal dik li hemm fil-Viżta ta' qabel u l-istess ħaġa nsibu f'dik ta' l-istess Isqof li għamel seba' snin wara.

Iżda tnejn u għoxrin sena wara l-ewwel Viżta li semmiet lil dan l-artal, insibu t-tielet u l-aħħar Viżta li għamel lil din il-Knisja Parrokkjali l-Isqof Alpheran. Dan kien nhar il-21 ta' Settembru 1745, tmint ijiem qabel il-festa ta' San Mikiel. Fir-relazzjoni ta' din il-Viżta nsibu li dan l-artal għandu skannell ġdid ta' l-injam mimli kollu skultura u ndurat. Hemm fuqu sitt gandlieri sbieħ u Kurċifiss. Jissemma l-kwadru li kien ġie mitlub mill-mejjet Orazju Psaila fl-atti tan-Nutar Giovanni Grech ta' l-10 ta' Settembru 1724.(6)

KURUNA FUQ RAS S. MIKIEL

Mill-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Vincenzo Labini, li għamel lill-Knisja nhar id-9 ta' Ġunju 1781, ighidilna li osserva li fuq ras ix-xbiha ta' San Mikiel Arkanġlu hemm kuruna tal-fidda.(7)

L-ARTAL TA' L-IRĦAM

Sena wara li tlesta l-artal maġġur, l-istess marmisti, Ġużeppi Dalli u Vincenzo Adrario, ħadmu l-artal ta' San Mikiel. Tant hu hekk li l-prokuratur ta' l-artal, Ġanni Muscat, ħallas lil dawn il-marmisti għall-irħam u għax-xogħol li għamlu.(8) Il-benefattur li ħareġ il-flus għal dan l-artal kien is-Sur Pawl Sammut, kif tixhed il-kitba fuq l-artal.

Lil dan l-artal sarulu bosta ħwejjeġ biex iżejnuh; fosthom jissemmew żewġ ventartali, wieħed li sar fl-1803 tal-ħarir imbrukkat ta' Lyon (Franza) u l-ieħor fl-1825.(9)

Dan l-artal ġie kkonsagrat flimkien ma' l-artali ta' San Pawl l-Eremit, tal-Kurċifiss u tar-Rużarju, minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi nhar id-19 ta' Jannar 1953.

Il-prokuratur ta' dan l-artal illum hu l-Kan. Dun Spir Sammut.

REFERENZI

1. Dimech J.: *Hal Balzan* Nru. 3.
2. Molina M.H.: Visit. Past. fol. 114.
3. Gori Mancini G.: Visit. Past. fol. 385.
4. Ibid. Cit.
5. Borg Mons. V.: *Hal Tarxien* p. 70.
6. Alpheran P.: Visit. Past. fol. 323.
7. Labini V.: Visit. Past. fol. 289.
8. Lib. 67 p. 92. Ark. Parr.
9. Ibid. Cit. p. 100.

HAL BALZAN FIL-PARLAMENT

MISTOQSIJA NRU 5414

KARROZZI NIEQSA MINN ĦAL BALZAN, BIRKIRKARA, ĦAL LIJA U Ħ'ATTARD

L-Onor. Pierre Muscat: Isaqsi lill-Prim Ministru.

'Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm-il karrozza jew vejikola oħra ġew rappurtati nieqsa lill-Pulizija minn Ħal Balzan, Birkirkara, Ħal Lija u Ħ'Attard matul is-sena li għaddiet u mill-1 ta' Jannar sal-lum, il-31 ta' Jannar, u kemm minnhom instabu (a) mill-Pulizija u (b) mis-sidien?'

(31/1/79)

TWEĠIBA

In-numru ta' karrozzi jew vetturi oħra li ġew irrappurtati nieqsa minn Birkirkara, Lija, Attard u Balzan mill-1 ta' Jannar, 1978 sal-31 ta' Jannar 1979 huwa 26: 19 instabu mill-Pulizija u 7 nstabu mis-sid.

(Tweġiba mogħtija: 6/2/79)

MILL-UFFICCJU PARROKKJALI

Saru wlied Alla bil-Magħmudija

Godfrey Formosa, bin John u Carmen.
Christopher Camilleri, bin John u Josephine.
Charlotte Briffa, bint Charles u Angela.
David Camilleri, bin Joe u Catherine.
Bernard Vella, bin Joe u Frieda.

Ingħaqdu fl-imħabba biż-żwieġ nisrani

Emmanuel Vella u Helen Fenech.

Ingħaqdu għal dejjem mal-Ħallieq

Annunziata Sammut.
Carmela Gatt.
Carmen Saliba.
Manwel Ebejer.
Joseph Stagno Navarra.
Maria Anna Pace.
Frederick Arthur Barry.
Ġużeppi Sciberras.
Carmelo Azzopardi.
Suor Maria Franġiska Saverja Galea, tal-Bon Pastur.

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Bħal ma kont ktibtilkom fil-ħarġa ta' qabel ta' **Ħal Balzan**, kien il-ħsieb tiegħi li f'din is-sena speċjali magħżula mill-Ġnus Magħquda biex tkun is-Sena tat-Tfal nurikom l-importanza tagħkom fid-dinja u d-dmirijiet tagħkom bħala ċittadini Maltin.

Illum deherli li niktbilkom dwar l-injuranza kbira li għadha teżisti fid-dinja meta miljuni ta' nies, kbar u żgħar, la jafu jaqraw u lanqas jiktbu.

Il-Ġnus Magħquda qed tonfoq miljuni ta' liri biex teqred jew tnaqqas kemm tista' dan in-nuqqas ta' skola billi tħallas għal bini ta' eluf ta' skejjel, taħriġ ta' għalliema, xiri ta' miljuni ta' kotba li jitqassmu b'xejn lil kulħadd, xiri ta' televisions għall-iskejjel u tant ħwejjeġ oħra.

Għall-grazzja t'Alla, hawn Malta għandna skejjel biżżejjed u għalliema kemm irridu u, imqabblin ma' nazzjonijiet oħra, għandna tassew biex niftaħru. B'dana kollu jibqa' l-fatt li għad hawn bosta żgħażagħ u tfal, bniet u subien, li minħabba l-għażż jew it-traskuraġni għadhom s'issa la jafu jaqraw u lanqas jiktbu.

Għalhekk ikun qed jonqos minn dmiru lejn art twelidu u wkoll lejn id-dinja dak il-Malti li jibqa' hekk lura fl-iskola, li la jkun jaf jaqra u lanqas jikteb għall-inqas bl-ilsien ta' art twelidu. Bniedem bħal dan ikun ta' tfixkil għan-nazzjon u ta' piż għall-familja tiegħu u jħoss ruħu tassew fqir meta jkun ma' oħrajn li jafu l-iskola.


Hemm qawl Ċiniż li jgħid: "Aħjar tgħallem bniedem jistad milli tagħtih ħuta". Bl-istess mod nistgħu ngħidu li bniedem aktar jaqbillu li jkun jaf l-iskola milli jkun sinjur. Jekk tkun sinjur tista' tiftaqar jew tiġi misruq, iżda jekk tkun taf l-iskola ma jista' jeħodhielek ħadd.

Il-Ġnus Magħquda għandhom raġun kbir li joħorġu tant flus biex it-tfal tad-dinja kollha jkollhom ċans jitgħallmu l-iskola, għax jafu tajjeb li l-ikbar faqar fin-nazzjon qiegħed meta fil-pajjiż ikun hemm ħafna injuranza u nuqqas ta' tagħlim. Nazzjon bħal dan ma jista' qatt jimxi 'l quddiem.

Għalhekk, għeżież tfal, qisu li din is-sena tkun għalikom okkażjoni tajba biex tifhmu kemm id-dinja kollha qed taħseb fikom u lesta tgħinkom biex iżżidu t-tagħlim tagħkom tal-iskola li fuqha jinbena għalikom futur sabiħ jew ikreh.

Tfal,

Erġajna wasalna għal kompetizzjoni oħra. Din id-darba se naraw kemm tafu fuq ir-raħal tagħna. Għalhekk għamilnielkom dan ir-ritratt ta' waħda min-niċeċ sbieħ li jinsabu fir-raħal tagħna. Din in-niċċa hi miżmuma ferm tajjeb, dejjem bil-fjuri jew xi qsari u bil-lejl dejjem bid-dawl elettriku jixgħel quddiemha. Xogħolkom hu li tirrispondu l-mistoqsijiet li ġejjin:



1. **Din in-niċċa qiegħda bejn żewġ toroq. Agħtu l-isem ta' dawn iż-żewġ toroq.**
2. **X'inhuwa l-isem proprju ta' din il-Madonna bil-Bambin?**
3. **B'liema isem insibuha aħna l-Balzanin?**
4. **X'għandu l-Bambin f'idu x-xellugija?**
5. **B'liema id il-Madonna qed terfa' l-Bambin?**

Bħas-soltu, ibagħtu t-tweġiba tagħkom f'envelop magħluq u indirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-'letter box' ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 26 ta' Mejju, 1979.

—★—

Xi wħud mill-kelmiet li jistgħu joħorġu mill-kelma BEATITUDNI huma: Beatu, dati titni, buti, batti, att, atti, beati, but, tut, bint, binti, bintu, inti, id, idi, idna, nida, tinda, tuta, dnub, dnibt, dnibtu, tebut, tetu.

Ir-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni hija Marcelle Pace, li toqgħod 165, Triq il-Kbira, Ħal Balzan.

Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM

Irrikorru:

VITAFOAM LIMITED

INDUSTRIAL ESTATE, SAN ĠWANN (B'KARA)
Telephone: 36275/76

ITTRI LILL-EDITUR —

AKTAR DWAR IL-FESTA U L-KAŻINI F'ĦAL BALZAN

Każin tal-Banda 'San Gabriel',
Villa Balzan,
Balzan.
5 t'April, 1979.

Sur Editur,

Ninsab inkarigat nirreferi għall-Ittri lill-Editur li deħru fil-gazzetta "Ħal Balzan" ta' Jannar/Frar 1979, taħt it-titolu "Il-Piki f'Ħal Balzan". Għalkemm jidher li hemm xi punti żgħar li dwarhom il-każini ma jaqblux, l-aktar fil-festa, madanakollu m'hemmx piki li kien jistħoqqilhom it-titolu li tajthom int. Dan jixhdu l-fatt li l-istess każini ġieli waqqfu kummissjonijiet bejniethom biex jiddiskutu ħwejjeġ komuni f'Ħal Balzan u ta' interess għal kulħadd bħal, ngħidu aħna, il-Kummissjoni Pittura li tħabtet kemm setgħet ma' l-awtoritajiet konċernati biex titħaffef titlesta l-pittura. L-isess każini u għaqdiet oħra kienu wkoll magħqudin flimkien meta kien imwaqqaf il-Kumitat Ċiviku u dejjem ħadmu għall-interess ta' Ħal Balzan. F'dak iż-żmien UKOLL kienu jsiru żewġ marċijiet fl-aħħar tat-tridu biex b'hekk, kif igħidu ħafna, ikun jista' jintlaħaq Ħal Balzan kollu u mhux ftit toroq biss.

Kien dan il-Każin li ssuġġerixxa ma' l-awtoritajiet konċernati li għandu jsir programm wieħed fil-festa titulari, u kull min hu interessat jista' jara l-ktieb tal-minuti fil-laqgħa Nru. 9 li saret it-Tnejn, 8 ta' Mejju, 1978. Kulħadd jaf li l-awtoritajiet konċernati, għalkemm jagħmlu minn kollox biex kollox ikun eżatt, però jsibu l-problemi tagħhom.

Jidher li min iffirma "Balzani", f'waħda mill-ittri li deħru, ma jafx sewwa l-affarijiet, l-aktar meta kiteb li l-poplu jħallas għal kollox, jew meta qal li rridu "niffrankaw flus il-poplu". Balzani jmissu jaf li l-flus li jinġabru minn wara l-bibien nhar ta' Ħadd filgħodu ma jservux biex dan il-każin jorganizza l-parti tiegħu tal-festa. Il-flus li jinġabru jservu biss għall-baned, u forsi għal xi lampi. Il-bqija jrid jiġi kollox issussidjat mill-każin jew minn xi attivitajiet li l-każin jorganizza minn żmien għal żmien għal dan l-iskop. 'Wires' u lampi ġodda, xi armar ġdid, u l-manutensjoni ta' l-istess armar dejjem ħasbet għalihom din is-Soċjetà. Fuq kollox, ftit jafu li n-nies li jarmaw u jżarmaw fi żmien il-festa u li jieħdu ħsieb jistivaw l-armar f'postu, kif ukoll it-tiswijiet tiegħu, qatt ma tħallsu talli jagħmlu dan ix-xogħol. Il-flus li tiġbor minn wara l-bibien biss ma jservux wisq, u kieku m'hemmx tassew interess mill-membri kollha kieku ma jkunx hawn il-festa li ssir. Ta' min igħid ukoll li kienet din is-Soċjetà li ħadmet kemm felħet biex tagħmel il-festa attrazzjoni turistika, l-aktar bl-użu ta' 'posters' b'erba' lingwi differenti li jiġu mibgħuta f'kull lukanda f'Malta.

Wieħed mill-korrispondenti tiegħek li kiteb fl-istess ħarġa tal-gazzetta qal li s-sena l-oħra ndaħal medjatur bejn iż-żewġ każini biex jiddiskutu kif l-affarijiet matul il-festa jistgħu jsiru aħjar. Dan huwa veru, u l-kumitat ta' dan il-każin iddiskuta bir-reqqa u fit-tul il-proposti ta' dan il-medjatur u wara ħareġ bil-proposti tiegħu. Ġiet imwaqqfa wkoll kummissjoni ta' tlieta min-nies biex jirrapreżentaw lil din is-Soċjetà, u l-medjatur jaf b'liema serjetà u entużjażmu ħadmet din il-Kummissjoni, kif jidher fil-minuti ta' l-istess seduta. Kulħadd jaf, però, li anke l-medjaturi jsibu l-problemi tagħhom! Din is-Soċjetà trid tfaħħar pubblikament lil dan il-medjatur għax-xogħol u s-sagrifiċċji li għamel, kif ukoll għall-ħin li seta' tilef.

Korrispondent ieħor ilmenta li f'nofs il-quddiesa ta' nhar il-festa tisma' d-daqq tal-banda. Din is-soċjetà s'issa kkontrollat l-entużjażmu ta' ħafna mill-membri tagħha li riedu joħorġu l-flus mill-but biex jorganizzaw marċ filgħodu. Dan il-kumitat, però, jidhirlu li waqt il-quddiesa kantata, m'għandu jsir l-ebda marċ, l-aktar viċin il-knisja; iżda dan il-punt għandhom jarawh l-awtoritajiet li jagħmlu minn kollox biex imexxu sewwa iżda, bħalma għidna diġà, dejjem isibu l-problemi tagħhom!

Sur Editur, fl-ittri li deħru ssemma wkoll li waqt il-purċissjoni tas-sena li għaddiet ma ġiex maħruq nar meta l-istatwa kienet in-naħa t'isfel. Ta' min isemmi hawnhekk li l-grupp tan-nar minn dejjem kien, għadu, u nisperaw li jibqa', grupp awtonomu f'dak kollu li jirrigwarda n-nar fil-festa, u din is-Soċjetà hija kburija li tħaddan dan il-grupp ta' nies li tant jagħmlu sagrifiċċji għall-festa titulari. Ftit Balzanin jafu kemm jaħdmu u kemm saħansitra joħorġu flus mill-but biex ikabbru l-festa titulari. Il-flus li jinġabru minn wara l-bibien ma jservux wisq u wieħed irid jara x'jagħmel u jseffaq wiċċu biex iġib aktar. Dan il-grupp ukoll jidher li kellu l-problemi tiegħu meta ħareġ biex jiġbor ma' Ħal Balzan kollu l-għaliex sab lil ħaddieħor jiġbor minfloku fil-parti t'isfel. Aħna nisperaw li din is-sena n-nar ma jkollux għalfejn jieqaf.

Il-marċ li jsir wara l-purċissjoni, nhar il-festa, ilu jsir għal żmien twil, u proprjament beda biex tan-nar ikunu jistgħu jgawdu xi ftit mill-entużjażmu, peress li huma jkunu jaħarqu l-murtali. Ta' min igħid li dan il-marċ jiġi miġbur minn fost xi membri tal-każin 'San Gabriel' u minn xi nies dilettanti oħra, l-istess kif isir biex tinġabar il-Banda 'King's Own'. Qatt ma ġew miġbura flus minn wara l-bibien għal dan l-iskop. Bħalma jafu ħafna, folla kbira ta' nies timxi wara dan il-marċ li huwa l-għors taż-żgħażagħ. Din is-sena, fl-istess ħin li minn dejjem ta' dejjem kien isir dan il-marċ, xi ħaddieħor organizza attività oħra biex b'hekk, kif qal hu, ikabbar il-festa ta' Marija Annunzjata. Kemm dan hu veru nħalluh għall-ġudizzju tal-Balzanin kollha.

Jidhrilna li l-korrispondent tiegħek li ffirma G.V., u li qagħad jikkwota lil San Pawl, mill-"Octogesima Adveniens", kif ukoll qagħad jikkwota paragrafu sħiħ dwar il-"polarisation", ngħidulu li ma jafx lil Ħal Balzan sewwa u lanqas jiffrekwenta każini. Kieku jagħmel hekk isib li f'Ħal Balzan m'hawnx il-firda u l-estremisti li ħaseb hu. Żgur ma jafx G.V. li soċi differenti ta' każini differenti jiffrekwentaw każini ta' xulxin. La dan il-każin qatt keċċa lil xi ħadd u lanqas il-każin l-ieħor qatt keċċew lil xi ħadd minn tagħna. Lanqas jaf G.V. li l-Kumitati taż-żewġ Każini ltaqgħu biex jixorbu grokk flimkien fuq stedina tal-Kappillan jumejn qabel il-festa li għaddiet. Dak in-nhar ħadd ma semma jew tkellem dwar piki — l-aktar il-piki li tkellem dwarhom hu.

Sur Editur, waqt li nerġgħu ngħidu li l-korrispondenza li ġibt fl-aħħar paġna ta' l-aħħar ħarġa tiegħek ta' **Ħal Balzan** ma kienx jistħoqqilha t-titolu li tajtha int, inseli għalik u ninkoraġġuk biex tibqa' taħdem għall-ġid ta' Ħal Balzan.

G. Borg
Segretarju Onor.

NOTA EDITORJALI —

Mill-ittra tas-Seg. Onor. tal-Każin 'San Gabriel' jidher li, għalkemm hemm xi differenzi bejn iż-żewġ Każini ewlenin ta' Ħal Balzan, is-sitwazzjoni tista' faċilment tiġi rranġata. Nittamaw li, fi spirtu ta' ħbiberija u mħabba lejn ir-raħal tagħna, dawn id-differenzi żgħar jirranġaw ruħhom qabel il-festa ta' din is-sena. Dwar l-użu tal-kelma 'piki', li s-Sur Borg ma qabilx magħha, ta' min isemmi li t-tifsir ta' ħafna kliem huwa relattiv, bħal bosta ħwejjeġ oħra fil-ħajja.

DAN IS-SAJF MUR VAGANZA MA'

ALBERTOURS

BOOKINGS U PROGRAMMI — ALBERT McCARTHY BALZAN

Tel. 43294/45792

ALBERTOURS — GARANZIJA TA' ATTENZJONI PERSONALI

MATUL IS-SNIN (5)

L-EWWEL SPETTUR SANITARJU U L-EWWEL TABIB TAD-DISTRETT (1848)

Il-Gvernatur Sir Richard More O'Ferrall għamel bosta riformi matul l-amministrazzjoni tiegħu (1847-1851). F'Awwissu tal-1848 waqqaf Kumitat Sanitarju għal Malta u ieħor għal Għawdex, biex jieħdu ħsieb is-Saħħa Pubblika u biex jissuġġerixxu miżuri biex tiżdied l-indafa. Iżda barra minn dawn il-Kumitati, l-imsemmi Gvernatur ħatar ukoll spetturi għall-ibliet u għall-irħula ta' Malta u Għawdex. Il-kampanja ta' Malta qasmuha f'21 distrett, u fost dawn id-distretti nsibu s-sitt distrett li kien jikkonsisti f'Ħal Balzan, Ħal Lija u Ħ'Attard. L-ajjutant P. Damato nħatar bħala l-ewwel spettur ta' dan id-distrettt, u kellu jibgħat rapport kull ġimgħa lill-Kumitat Sanitarju ġewwa l-Belt.(1)

Is-Servizz Mediku Distrettwali nbeda wkoll fi żmien l-istess Gvernatur. Fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Diċembru 1848, insibu l-ħatra ta' tobba kemm għall-ibliet u kemm għall-irħula ta' Malta u Għawdex. Il-kampanja ta' Malta ġiet maqsuma fi 15-il distrett, u t-tabib F. Seichel ġie maħtur għad-distrett li kien jikkonsisti f'Ħal Lija, Ħ'Attard u Ħal Balzan. Dak iż-żmien, dawn it-tobba kienu jissejħu "Dispensers" jew "Medici dei Poveri".(2)

W.L. Zammit B.A.(Hons.), M.A.

(1) Malta Govt. Gazzette, 25-VIII-1848.
(2) Ibid. 18-IX-1848.

Profili Balzanin-16

PIJU EBEJER



Piju Ebejer twieled Ħal Balzan fl-10 ta' Settembru, 1930, minn Wiġi u Eva, imwielda Sciberras. Ta' sitt snin daħal l-iskola Primarja tal-Gvern ta' Ħal Lija u Ħal Balzan u wara li spiċċa l-kors daħal jaħdem mal-P.W.D. Bħalissa huwa qiegħed jaħdem bħala 'supervisor'.

Missier Piju, Wiġi Ebejer, huwa magħruf sewwa mill-Balzanin għax kien segretarju tal-Każin 'San Gabriel', u forsi għalhekk li Piju ħa interess kbir fl-istess każin u fil-qasam Balzani. Kien fl-1946 li Piju daħal bħala soċju fil-Każin 'San Gabriel' u fl-1948, jiġifieri ta' tmintax-il sena, insibuh membru fil-kumitat. Wara ftit ġie elett bħala kaxxier, kariga li dam iżomm sa l-1962. Kemm dam membru fil-każin, Piju ħadem bis-sħiħ biex jara lis-Soċjetà dejjem miexja 'l quddiem. Kien minn ta' l-ewwel li beda jieħu sehem fil-ġbir ta' flus għall-festa u fl-1946, l-ewwel sena li fiha sar in-nar ta' l-art f'Ħal Balzan, Piju ġabar il-flus flimkien ma' Ġużeppi Chetcuti. Piju għen ukoll biex titwaqqaf il-banda, kif ukoll ħadem ma' Gabriel Caruana biex jinġabru l-flus meħtieġa ħalli jkun jista' jinxtara l-bini fejn illum jinsab il-każin. Hu u Gabriel Caruana xtraw l-istandard tal-'Union Jack' li għadu jinstab fil-każin.

Bħala soċju fil-każin, Piju kien imidd idejh għal kollox basta jara l-bini dejjem aħjar għall-kumdità tas-soċi. Hekk insibuh ikaħħal jew ibajjad kull meta kien ikun hemm bżonn u, saħansitra qagħad jieħu paċenzja jiċċanga l-bitħa. Huwa kien jieħu sehem attiv fil-festa titulari u kien ikun minn ta' quddiem biex imidd idejh għall-armar.

Is-Sur Ebejer kien minn dejjem jieħu interess fil-qasam politiku, u għalhekk irsista flimkien ma' oħrajn biex jinbena Każin Laburista f'Ħal Balzan u bħal issa huwa l-President ta' l-istess każin. Huwa wkoll bandist u kien idoqq l-arthorne mal-Banda 'San Gabriel'. Fl-1974 huwa rregala dan l-istrument lill-istess banda.

Fl-1954, Piju żżewweġ lil Marija Schembri u għandhom tlett itfal.